# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 31 ta' Jannar, 2024.**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 61/2023 ISB**

**Yvonne Pullicino** bil-karta t'identità numru 800136M;
**Bernard Pullicino** bil-karta t'identità numru 522063M;
**Edward Pullicino** bil-karta t'identità numru 542166M;
**Maryann Pullicino** bil-karta t'identità numru 110077M
Ilkoll bħala azzjonisti tal-kumpannija SELBY Limited (C9143)

vs

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Yvonne Pullicino et**, intavolat fid-9 ta' Ottubru 2023, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex, prevja, okkorrendo,

kull ordni meħtieġa sabiex il-kumpanija tirregolarizza kull kwistjoni li hemm pendenti, fi żmien perentorju sabiex twettaq tali l-ordni,

1. *Tiddikjara illi l-Intimat ma kellux raġuni biżżejjed biex jipproċedi biex isib li l-kumpannija Selby Limited (C9143) ma kienitx qed tmexxi negozju jew ma kienitx qed topera, u*
2. *Tiddikjara li hi sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, u tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lill-Intimat għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar.*
3. *Tordna lill-Intimat għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mill-Intimat u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

   *Bl-ispejjeż kontra l-Intimat li jibqa' nġunt għas-subizzjoni.*

U dan wara li ppremettew:

*Illi huma azzjonisti tal-kumpannija Selby Limited numru C9143, kif jidher minn kopja tal-istatut soċjali hawn anness u markat bħala dokument "A".*

*Illi huma qegħdin jinoltraw dan ir-rikors skond l-artikolu 325 tal-Kap.386 sabiex jitolbu li d-deċiżjoni tal-Intimat li jħassar isem il-kumpannija Selby Limited minn fuq ir-reġistru tal-kumpanniji fil-11 t'Awwissu 2023, tkun revokata u li din l-Onorabbli qorti tordna li isimha jerġa' jidħol fir-reġistru skond dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidrilha xierqa.*

*Il-Fatti*

*Illi r-Rikorrenti saru jafu illi Selby Limited tħassret minn fuq ir-reġistru meta sfaw mgħarrfa mill-bank tagħhom b'dan l-event, billi uffiċjal tal-bank kien qara  avviż li deher pubblikament. Qabel dan seħħew dawn l-affarijiet:*

*Għal xi żmien ir-Rikorrenti ma kienux qegħdin jaċċedu għall-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija f'numru 82 Rudolph Street, Sliema dan il-bini kien fi stat li kellu bżonn tiswija fis-soqfa.*

*B'riżultat ta' dan, huma ma kellhomx għarfien tal-ittri li għandu jibgħat l-Intimat sabiex iniedi proċedura ta' tħassir skond l-art.325. Ir-Rikorrenti mhux qed jinnegaw li dawn l-ittri ntbagħtu. Jgħidu biss li minħabba dak hawn imfisser, huma ma ħadux konjizzjoni tagħhom. Dan qed jingħad biss bħala fatt u mhux bħala lment.*

*Wara li saru jafu bit-tħassir ilmentat, huma avviċinaw lill-Intimat u minn hemm intwerew:-*

*Estratt ta' l-attività' u komunikazzjoni li kellha il-kumpannija mal-Intimat. Dan hu hawn eżibit u markat bħala dokument "B", fl-aħħar paġna tiegħu dan juri l-kumment "On Wednesday 16th August 2023 10.20 Carl Gauci wrote: Company is struck off." Fil-kummenti preċedenti, jidher li kien hemm komunikazzjoni bejn il-kumpannija u l-Intimat bejn l-2021 u 2022.*

*Iktar minn hekk iżda, hemm korrispondenza iktar riċenti bejn l-awditur tal-kumpannija Michael Sciortino. Waħda minn dawn hi email tal-Intimat mibgħuta fis-16 ta' Marzu 2023 li tgħid :*

*Dear Sir/Madam,*

*Kindly note that an Annual Accounts C 9143/AC0005 with filing year 2021 for company SELBY LIMITED - C 9143 has been submitted by MR. Michael Sciortino.*
*Yours sincerely,*
*Registrar of Companies*

*Kopja ta' din l-email hi hawn annessa w markata bħala Dokument "C".*
*Hawn hu siewi jiġi osservat illi t-terminu għall-preżentata tal-kontijiet għas-sena 2022 għadu għaddej billi jagħlaq fit-12 ta' Diċembru 2023. Jingħad ukoll illi il-kontijiet tal-kumpannija huma kollha preżentati mill-kumpannija f'idejn l-Intimat.*
*Illi r-Rikorrenti jistqarru illi hemm numru ta' prospetti annwali li huma tardivi, u jifhmu li din is-sitwazzjoni trid tkun regolarizzata, u huma minn issa jobbligaw ruħhom li jipprokuraw li d-diretturi tal-kumpannija jottemperaw ruħhom mal-liġi.*

*Id-Dritt*
*Il-poter tal-Intimat li jiddikjara li kumpannija mhix qegħda topera, jitnissel mill-artikolu 325 tal-Kap.386 li jgħid:*
*325.(1) Meta r-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħseb li kumpanija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista' jibgħat lill-kumpanija ittra bil-posta fejn jistaqsi*

*jekk il-kumpanija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*Fid-dawl tal-fatti esposti, u speċjalment tenut kont tal-fatti li kontijiet soċjali tal-kumpannija kienu ppreżentati lill-Intimat, sa din is-sena stess, l-Intimat ma seta' qatt ikollu "raġuni biżżejjed" biex jaħseb li l-kumpannija ma kienitx qegħda topera. Hu wisq ovvju li jekk kumpannija tkun qegħda tibgħat dokumenti lill-Intimat, din evidentement għada qegħda topera.*

*Jekk hemm irregolaritajiet fid-dokumenti, u dawn jeħtieġu xi korrezzjoni, l-Intimat għandu poteri oħrajn biex jinsisti fuq ir-regolarizzazzjoni. Iżda l-artiklu 325 mhux maħsub bħala sanzjoni kontra irregolaritajiet. Hu maħsub sabiex ir-Reġistru ma jkunx oberat b'kumpanniji li jkunu mejtin u li jridu ħidma amministrattiva li ma tkun tiswa għal xejn.*

*Illi r-Rikorrenti bħala membri tal-kumpannija Selby Limited jikkwalifikaw bħala persuni li għandhom interess jipproponu din l-azzjoni skond l-art.386(4), u li din qegħda ssir entro t-terminu ta' 5 snin kif previst fl-istess subinċiż (4).*

*Illi huma aggravati minn din id-deċiżjoni tal-Intimat minħabba li dan mexa barra l-parametri tal-liġi u adopera il-proċedura taħt l-art.325 meta ma kellux la raġuni u lanqas dritt li jagħmel hekk.*

*Apparti dan, din il-kumpannija hi sid ta' diversi propjetajiet immobbiljari li uħud minnhom1 jinsabu ipotekati mal-banek, dawn huma:*

[1] Dawk markati b'*

| |
|---|
| *183/185 Triq ix Xatt, Gzira ** |
| *120,122,124 Guze Howard Street, Sliema* |
| *29-31,Old Mint Street Valletta* |
| *Roette, 82 Rudolph Str Sliema.* |
| *29/31 Ball Street Paceville, St Julians ** |

*L-azzjoni tal-Intimat iġġorr l-effett iebes illi skond is-subinċiż 2 tal-art.325 jgħid:*

*"l-isem tal-kumpanija għandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raġuni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Reġistratur ikun sodisfatt li hemm raġunijiet biżżejjed biex ma jipproċedix bit-tħassir, jitħassar minn fuq ir-reġistru, u l-attiv tal-kumpanija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta."*

*Ir-Rikorrenti jissottmettu li din il-pożizzjoni tikkwalifika għal dak li trid il-liġi fl-art.325(4) li tgħid illi l-qorti "tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar."*

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur.

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha tat-13 ta' Ottubru 2023 minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-8 ta' Novembru 2023 fid-09:30a.m.

Rat illi fis-7 ta' Novembru 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **<u>r-risposta</u>** tiegħu (fol 53) bid-dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija SELBY Limited (C 9143) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-30 ta' Ottubru 1987;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji ("l-Att"). Tant hu hekk, illi l-aħħar prospetti annwali li ġew sottomessi kienu dawk relatati mas-sena 2008 u l-aħħar kontijiet annwali sottomessi kieku dawk relatati mas-sena 2016;*

*Illi minħabba dawn l-inadempjenzi min-naħa tal-kumpanija u l-uffiċjali tagħha, ir-Reġistratur bagħtet ittra biex tinforma lill-kumpanija li kien hemm bżonn tissottometti id-dokumenti neċessarji, iżda l-kumpanija minkejja diversi notifiki u penali illi ntbagħtu lilha u lill-uffiċjali tagħha, qatt ma issottomettiet dak li kien qed jiġi rikjest lilha;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kinetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Il-fatt illi l-isem tal-kumpanija ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru, ma kienx riżultat sempliċiment ta' deċiżjoni tal-intimat, imma kien biss riżultat dirett u naturali ta' nuqqasijiet min-naħa ta-kumpanija u tal-uffiċjali tagħha;*

*Ir-rikorrenti qatt ma urew xi tip ta' nteress jew oġġezzjoni min-naħa tagħħhom lill-intimat. Dan minkejja illi ntbagħtet il-korrispondenza u saru il-pubblikazzjonijiet kollha illi titlob il-liġi mill-intimat, iktar speċifikament l-artikolu 325 tal-Att.*

*Illi r-Reġistratur bagħtet avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha, 'Selby Limited, 82, Rudolph Street, Sliema, Malta' kif ukoll lid-diretturi tal-kumpanija fuq l-indirizzi: '31/1, Ball Street, Paceville,*

*St. Julians, Malta', '88/1, Guze Howard Street, Sliema, Malta' u '36, St. Anthony Street, Sliema, Malta' datati, 11 ta' Mejju 2023;*

*Illi f'din l-ittra il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx għal din l-ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fil-11 ta' Mejju 2023, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' dokumenti minn dawk illi kienu għadhom pendenti mingħand il-kumpanija. L-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi għall-kuntrarju ta' dak li ntqal fir-rikors promotur, is-Sinjuri Bernard Pullicino, Edward Pullicino u Maryann Pullicino, kieku riedu u kieku ħadu ħsieb kif mistenni minnhom qua diretturi, setgħu faċilment juru l-intimat bl-interess tagħhom, iżda dawn fir-realta' għażlu li jibqgħu inadempjenti. Għaldaqstant żgur illi ma kienx hemm bżonn illi jiġu mgħarrfa b'tali process min-naħa tal-bank;*

*Ili barraminnhekk, ir-rikorrenti kellhom kull opportunita' kieku xtaqu illi jibdlu l-indirizz reġistrat tal-kumpanija iżda sal-ġurnata sakemm l-esponenti mxiet sabiex bagħtet il -korrispondenza rilevanti ai termini tal-artikoli 325, dan m'għamluhx;*

*Illi dato ma non concesso, kieku r-rikorrenti ma kellhomx aċċess għall-uffiċju reġistrat tal-kumpanija, is-Sinjuri Bernard Pullicino, Edward Pullicino u Maryann Pullicino, qua diretturi, kienu ġew avżati b'korrispondenza identika mibgħuta mill-esponenti fl-indirizz residenzjali tgħhom. Permezz ta' tali korrispondenza, dawn kienu ġew mgħarrfa illi jekk ma tintweriex raġuni biex isir il-kuntrarju, l-isem tal-kumpanija Selby Limited (C 9143) kien se jitħassar minn fuq ir-Reġistru. Ta' min jgħid ukoll illi r-Reġistratur ma kellha ëda obbligu legali illi tibgħat dawn l-ittri;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi għal dak li qed jallegaw ir-rikorrenti illi il-kontijiet tal-kumpanija huma kollha preżentati mill-kumpanija f'idejn l-intimati tajjeb jiġi speċifikat illi hekk kif inhu evidenzjat fid-dokumentazzjoni anness mir-rikorrenti infushom DOK B, huwa minnu li tali dokumenti ġew sottomessi, iżda dawn intbagħtu lura għal korrezzjoni online u baqgħu qatt ma ġew sottomessi mill-ġdid. Għaldaqstant, kien għalxejn illi l-awditur tal-kumpanija, nhar is-16 ta' Marzu 2023 issottometta il-kontijiet ta' 2021 għaliex dawn ma setgħux jiġu reġistrati minħabba il-fatt illi il-kontijiet 2017-2020 qatt ma reġgħu ġew sottomessi mill-ġdid;*

*Huwa fatt stramb kif ir-rikorrenti jistgħu jgħidu illi skont huma l-kumpanija kienet għadha topera ju tmexxi negozju meta fil-fatt id-dokumentazzoni rilevanti ma kinitx qed tintbagħat. Ta' min ifakkar illi kien propju dan in-nuqqas u l-inosservanza tad-doveri u obbligi tad-direturri tal-kumpanija in kwistjoni illi wassal sabiex l-esponenti tasal għall-konklużjoni illi l-kumpanija ma kinitx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-artikolu 325 tal-Att. Dan huwa preċiżament ir-raison d'être wara d-disposizzjonijiet tal-imsemmi artikolu. Żgur illu m'huwa fl-interess ta' ħadd, la tad-diretturi u wisq anqas tal-esponenti illi jispiċċa b'kumpaniji fuq ir-Reġistru fi stat ta' llegalita' għal diversi snin. Allura tinstema b'mod żbaljat u fallaċi, l-affermazzjoni tar-rikorrenti illi l-esponenti mxiet barra mill-parametri u l-poteri illi tagħtiha l-liġi meta adoperat id-disposizzjonijiet tal-artikolu 325 fil-konfront tal-kumpanija Selby Limited u tal-uffiċjali tagħha. Kif ingħad aktar qabel, ir-rikorrenti kellhom kull opportunita' illi juru l-interess tagħhom lir-Reġistartur sabiex twaqqaf il-proċess illi wassal għat-tħassir tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi jidher b'mod ċar u lampanti illi għall-kuntrarju ta' dak li ntqal fir-rikors promotur, l-esponenti kellha kull dritt illi timxi ai termini tal-artikolu 325 tal-Att. Huwa vera faċli u komdu illi fil-proċeduri odjerni ir-rikorrenti jgħidu illi dan ma setax isir meta kienu ilhom għal żmien twil milli jonoraw l-obbligazzjonijet u d-doveri tagħhom taħt l-Att. Kien fl-interess tagħhom illi jaraw illi jsir dan meta kif qegħdin*

*jgħidu huma stess fir-rikors tagħhom, il-kumpanija hija fil-fatt sid ta' diversi proprjetajiet immobiljari illi addirittura fuqhom il-bank għandu ipoteki reġistrati fuqhom.*

*Illi fir-rikors tagġhom, ir-rikorrenti urew illi huma disponibbli illi jirregolarizzaw il-posizzjoni tal-kumpanija Selby Limited. Ta' min wieħed jgħid illi din is-sitwazzjoni tista' tiġi rattifikata min-naħa tagħhom billi jippreżentaw il-kontijiet annwali għas-snin 2017 sa 2021, il prospetti annwali għas-snin 2009 sas-sena 2022 u billi jitħallsu l-penali kollha dovuti lill-intimat. L-esponenti tixtieq tissolleva illi jekk dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi huwa xieraq illi l-isem tal-kumpanija Selby Limited (C 9143) għandu jerġa jitqiegħed fuq ir-Reġistru, hija ma ssib ebda oġġezzjoni illi jsir dan. Dan dejjem jekk kif ntqal aktar qabel l-affarijiet u s-sitwazzjoni tal-kumpanija u l-uffiċjali tagħha tiġi ratifikata u regolarizzata fl-intier tagħha skont kif jitlob minnhom l-Att;*

*Illi l- ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal EUR 2,100;*

*Illi di piu' il-penali fuq il-kontijiet annwali u il-prospetti annwali li baqgħu qatt ma ġew sottomessi jammontaw għal EUR 5,382.50. Illi dan l-ammont ta' penali m'huwiex wieħed finali għaliex il-penali jibqgħu jiġu mposti sad-data li fiha jiġu sottomessi id-dokumenti pendenti kollha;*

*Illi għaldaqstant hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ;*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2023, deher l-Avukat Richard Galea Debono għar-rikorrent (uħud minnhom preżenti) u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat illi f'din l-istess seduta, id-difensur tar-rikorrenti ddikjara illi l-patroċinati tiegħu kienu disposti illi jirregolarizzaw il-pendenzi tal-kumpanija Selby Limited.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2023 minn fejn jirriżulta illi d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi l-pendenzi kollha tas-soċjetà Selby Limited kienu ġew riżolti u regolarizzati, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent *ai termini* tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti, li huma azzjonisti tal-kumpanija **Selby Limited (C 9143)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fil-11 ta' Awwissu 2023, qed jitolbu illi l-kumpanija msemmija terġa' tiġi ri-integrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandhom kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li għandhom interess li l-kumpanija tibqa' operattiva għax fil-fatt għadha topera n-negozju tagħha.

Illi r-rikorrenti ddikjaraw mill-bidu, sa mir-rikors promotur, illi huma kienu lesti li jieħdu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Selby Limited (C 9143) u fil-fatt iddikjaraw li kienu *ser jipprokuraw lid-diretturi tal-kumpanija jottempraw ruħhom mal-liġi*.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali. Jgħid illi kien hemm penali u ammonti oħra x'jitħallsu u li kien ħa l-proċeduri kollha skont il-liġi sakemm wasal biex ikkanċella l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u</u>*

> *<u>tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Selby Limited (C 9143) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw, inkluż l-interess tar-rikorrenti f'dawn il-proċeduri in kwantu illi l-kumpanija għadha fil-fatt qed tmexxi negozju.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellhom ir-rikorrenti illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrenti żammew kelmithom u l-promessa magħmula mill-istess rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Selby Limited (C 9143)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Selby Limited (C 9143)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Selby Limited (C 9143)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**